**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **64**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tlieta it-30 ta' Ġunju, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

L-Imdina: Is-Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ħaż-Żebbuġ: Is-Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi

Is-Siġġiewi: I s - Sindku s-Sur Ryan Cachia

Ħal Kirkop: Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Qrendi: Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri

Ħal Safi Is-Sindku is-Sur Johan Mula

Iż-Żurrieq: Is-Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħad-Dingli: Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri

L-Imqabba Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa

Ir-Rabat: Is-Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-18:00 ta' filgħaxija.

**64.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

64.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri, is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa u is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.

**64.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 63;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 63 li saret nhar it-2 ta' Ġunju 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**64.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**64.04 Kommunikazzjoni mill-President**

64.04.01 Il-President feraħ lis-Sindku l-ġdid tas-Siġġiewi is-Sur Ryan Cachia għal ħatra tiegħu matul Ġunju wara li is-Sindku Julian Borg ġie elett bħalha Membru Parlamentari fl-elezzjoni tat-30 ta' Mejju li għadda.

64.04.01 Nhar it-03.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sindki dwar l-opportunità li joffri ir-Reġjun Punent sabiex jattendu il-European Week of Regions and Cities ġewwa Brussell bejn it-12 u l-14.10.26. Infurmat li r-Reġjun ser ikun qed jassumi l-ispejjeż tat-titjira ta' persuna waħda minn kull Kunsill Lokali. Il-biljetti għandhom jinqatgħu matul ix-xahar ta' Ġunju, jew mill-Kunsill Lokali jew mill-persuna interessata. Wara li l-parteċipant jattendi għall-attività f'Ottubru, ikun jista' japplika mar-Reġjun għar-rifużjoni tal-ispiża tat-titjira.

64.04.02 Nhar it-03.06.26 irċivejna mill-URBACT opportunitajiet ta' sħubija minn bliet u organizzazzjonijiet Portugiżi.

64.04.03 Nhar it-03.06.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li se jsiru żewġ laqgħat onlajn dwar l-Intergenerational Voluntary Organisation Scheme .

64.04.04 Nhar it-03.06.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector se torganizza taħriġ dwar konformita' mal-liġi tal-GDPR li se jkun maqsum fuq żewġ sessjonijiet.

64.04.05 Nhar l-04.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/043_Laqgħa Plenarja 2026 li saret nhar is-27.06.26

64.04.06 Nhar l-04.06.26 irċivejna mill-Wasteserv ir-rapport u l-ittra tat-twissija maħruġa lit-trasportaturi.

64.04.07 Nhar il-05.06.26 irċivejna kuntratt draft tal-iskart organiku bejn ir-Reġjun Punent u il-Wasteserv.

63.05.08 Nhar il-05.06.26 irċivejna mir-Refablightblue rikjesta għal laqgħa introduttorja dwar l-

l-immaniġjar u l-kollezzjoni tal-ħwejjeġ użati.

63.05.09 Nhar id-09.06.26 irċivejna minn Ewropa Kreattiva dwar l-ewwel sejħa tal-premju Simone Veil. Il-Premju jenfasizza kif il-wirt kulturali u l-postijiet ta' memorja jistgħu jrawmu l-parteċipazzjoni ċivika, l-edukazzjoni, u l-impenn demokratiku, filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut sinifikanti tal-wirt kulturali Lhudi għall-istorja kondiviża tal-Ewropa.

63.05.10 Nhar id-09.06.26 irċivejna tfakkira SPI/SCI/04/2026 -Manutenzjoni u Sostenn.

63.05.11 Nhar id-09.06.26 irċivejna Addendum Numru 2 taċ-Ċirkulari 01 2026 - Chart of Accounts (COA).

63.05.12 Nhar id-09.06.26 irċivejna Ċirkulari 6/2026 Rappurtar Finanzjarju Kwartali – Introduzzjoni ta' Template Ġdida

63.05.13 Nhar id-09.06.26 irċivejna Extension of Deadline – AMIF Call: Specific Objective 2 (Promoting diversity, embracing ethnicity and inclusive participation of TCNs)

63.05.14 Nhar l-10.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-logos li rċevejna lis-Sindki, wara Espressjoni t' Interess li ħriġna sabiex jintgħażel il-logo idonju għar-Reġjun tal-Kultura 2027.

63.05.15 Nhar l-10.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lic-CEO tal-PA, is-Sur Buttiġieġ, jekk hux possibbli li jkollna informazzjoni ta' kemm huma il-fondi disponibbli għal kull Kunsill Lokali u NGO fid-Development Planning Fund.

63.05.16 Nhar il-11.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/044_Kampanja Blue Heart 2026 – Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Persuni.

63.05.17 Nhar il-11.06.26 is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet l-iskeda tas-sessjonijiet tal-arti għall-anzjani li qed jsiru ġewwa iċ-Ċentri tal- Active Ageing lis-Sindki u Segretarji Eżekuttivi.

63.05.18 Nhar it-12.06.26 irċivejna mingħand l-AKL l-aġenda tar-rotta tal-Feniċi. Din saret nhar 16.06.26 ġewwa Ħaġar Qim fil-Qrendi.

63.05.19 Nhar it-12.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/045 Vacancy Local Councils' Association : Full-Time Administration Officer II Scale 10.

63.05.20 Nhar it-12.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/046 Vacancy Local Councils' Association : Full-Time Administration Officer I Scale 12.

63.05.21 Nhar it-12.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/047 Vacancy Local Councils' Association : Part-Time Clerical Officer Scale 15.

63.05.22 Nhar il-15.06.26 infurmajna lill-parteċipanti tal-Food Handling course sabiex jiġbru iċ-ċertifikat kif ukoll il-kard mill-Kunsilli rispettivi.

63.05.23 Nhar il-15.06.26 irċivejna kommunikazzjoni rigward pubblikazzjoni ta' filmati u ritratti mill-Kunsilli Lokali fuq il-Pjattaformi tal-Midja Soċjali mill-IDPC.

63.05.24 Nhar il-15.06.26 il-Maniġier tal-Ambjent bagħat template ta' dokumentazzjoni tal-offerti għall-Provvista ta' Siġar, Arbuxelli, Nebbieta u Qsari għal tliet snin lill-kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jkunu jistgħu jagħmlu użu minnha f'każ li jkunu se jinxtraw xi siġar.

63.05.25 Nhar il-15.06.26 irċivejna TN_0157_2024 - Second Stakeholder Consultation Meeting - Conservation Management Plan for the Victoria Lines.

63.05.26 Nhar il-15.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ċirkolari mibgħuta mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-data dwar il-pubblikazzjoni ta' filmati u ritratti fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali lill-Kunsilli Lokali.

63.05.27 Nhar il-15.06.26 irċivejna stedina għat-tnedija ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati dwar l-abbozz tal-ewwel aġġornament tal-Malta's National Air Pollution Control Programme (NAPCP) li ser issir nhar il-25.06.26.

63.05.28 Nhar il-15.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lil-PS Vassallo għal direzzjoni u approvazzjoni fir-rigward tal-irkupru tal-multi pendenti maħruġa taħt il-Kuntratt tal-ġbir tal-iskart CT2136/2022**.**

63.05.29 Nhar il-15.06.26 irċivejna direzzjoni mis-Segretarju Permanenti illi ġaladarba il-multi pendenti tal-Kuntratt tal-ġbir tal-iskart ġew approvati kif suppost mid-Direttur tal-Kuntratti, ir-Reġjun jista' jipproċedi b'set-off tal-ammonti pendenti u jista' ukoll jikkonsidra sospensjoni tal-ħlasijiet sakemm jkunu ġustifikati taħt it-tender u jiżgura li tali azzjoni tkun dokumentata, u li l-kuntrattur jkun avżat minn qabel.

63.05.30 Nhar is-16.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-kuntratt iffirmat lill-MTA rigward sponsorship ta' Eur10,000 għall-kotba li ser jiddokumentaw in-niċeċ tar-Reġjun Punent.

63.05.31 Nhar is-16.06.26 irċivejna li l-ERA nediet il-konsultazzjoni pubblika dwar l-Ewwel Aġġornament tal-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja ta' Malta. Dan il-programm huwa dokument ta' politika nazzjonali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti sustanzi niġġiesa atmosferiċi, li ġiet trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali permezz tal-Liġi S.L. 549.124 dwar ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni tal-Emissjonijiet ta' Ċerti Sustanzi Niġġiesa Atmosferiċi.

63.05.32 Nhar is-16.06.26 il-President tal-Assoċjazzjoni s-Sur Fava informa li fil-working group fuq it-tender il-ġdid tal-ġbir ta' skart li sar nhar is-16.06.2026 kien hemm tlett reġjuni mhux rappreżentati. Talab sabiex dawk mhux prezenti jaraw il-minuti u jġibu l-informazzjoni mitluba filwaqt li talab sabiex ikun hemm aktar kollaborazzjoni. Ir-Reġjun Punent kien rappreżentat mill-Maniġer tal-Iskart.

63.05.33 Nhar is-17.06.26 irċivejna li ser issir it-tielet laqgħa fuq it-tender tal-iskart il-ġdid nhar it-22.07.2026.

63.05.34 Nhar is-17.06.26 irċivejna stqarrija mill-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u provvista tal-ikel dwar il-programm tal-attivitajiet tal-Imnarja.

63.05.35 Nhar is-17.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet għal direzzjoni mingħand is-Sa Axiaq dwar il-proċess meħtieġ sabiex tinħareġ is-sejħa għal Uffiċjal tal-Programm Kulturali u l-Komunikazzjoni, permezz ta' kuntratt għal servizz, sabiex jgħin lill-Maniġer tal-Kultura li ser jassumi l-irwol ta' Direttur Artistiku matul il-perjodu li Reġjun Punent ser jkun ir-Reġjun tal-Kultura 2027.

63.05.36 Nhar is-17.06.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej ssottometiet il-proġett Gen-Med - *Urban Cultural Regeneration for the Next Mediterranean Generation* taħt il-kappa tal-URBACT IV ACTION NETWORK CALL.

63.05.37 Nhar it-18.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/048_The correct use of Plant Protection Products in public spaces.

63.05.38 Nhar it-18.06.26 irċivejna l-ewwel aġġornament tal-istudju li kien sar mill-ERA dwar il-kwalita' tal-arja.

63.05.39 Nhar it-18.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm xi tibdil fl-iskeda tar-Rabat għas-sessjonijiet tal-Art for Active Ageing li qed jsiru ġewwa id-Day Centres tal-Anzjani.

63.05.40 Nhar it-18.06.26 irċivejna stedina għal open day tal-MCAST li ser issir nhar is-17.06.26.

63.05.41 Nhar id-19.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/049_Ai for All in Local Councils fejn ġiet mgħoddija informazzjoni mill-MDIA rigward sessjonijiet ta’ taħriġ għar-residenti fl-Intelliġenza Artifiċjali.

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tgħin lir-residenti jiksbu għarfien bażiku dwar l-Intelliġenza Artifiċjali permezz ta’ kors online aċċessibbli għal kulħadd. Sabiex aktar residenti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-opportunità, l-MDIA qed tfittex il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu organizzati sessjonijiet ta’ gwida fil-lokalitajiet għal dawk li jeħtieġu assistenza addizzjonali.

63.05.42 Nhar it-22.06.26 irċivejna mis-Sa Axiaq LCPPN 18 għal gwida fir-rigward is-sejħa Cultural Programme and Communications Coordinator.

63.05.43 Nhar it-22.06.26 saret laqgħa mal-kuntrattur tal-iskart dwar diffikultajiet esperjenzati fil-lokalitajiet tal-Imqabba u Ħal Safi u anke rigward multi pendenti.

63.05.44 Nhar it-22.06.26 irċivejna mis-SEM li nedew sejħa taħt il-Fond Ewropew Marittimu, tas-Sajd u tal-Akkwakultura (EMFAF). Din is-sejħa se tħeġġeġ interventi li jipproteġu u jirrestawraw il-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi.

63.05.45 Nhar it-22.06.26 irċivejna mis-Sa Farrugia l-aħħar rendikont ta’ fondi rigward id-Development Planning Fund disponibbli għal Kunsilli Lokali.

63.05.46 Nhar it-22.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv ferħet lill-Ministru l-Onorevoli Zerafa Civelli kif ukoll talbita laqgħa sabiex jiġu diskussi ċertu temi. Fost dawn it-temi hemm:

- Ir-restawr u r-rinovar tal-binja Torre dello Standardo ġewwa l-Imdina
- Ir-restawr u r-rinovar tal-binja tal-Casino Notabile ġewwa it-telgħa tas-Saqqajja
- Ir-Reġjun Kapitali tal-Kultura 2027
- Koordinament mar-Reġjun Punent

63.05.47 Nhar it-23.06.26 il-Maniġer tal-Iskart rrisponda lis-Sa Cutajar minn Quazar, li bħalissa qed jagħmlu l-awditjar finanzjarju tal-Wasteserv, b'referenza għall-email li rċevejna nhar it-18.06.2026, sabiex nikkonfermaw li il-bilanċ mal-istess Wasteserv jammonta għal €488,962.00. Madankollu, dan il-bilanċ jinkludi fatturi relatati mar-rejects, li jammontaw għal €137,324.63. Dawn il-fatturi għadhom suġġetti għal nuqqas ta' qbil min-naħa tagħna, u l-kwistjoni għadha qed tiġi diskussa mal-entitajiet rilevanti. Għaldaqstant, ir-Reġjun jista’ jikkonferma biss l-bilanċ ta’ €351,637.18.

63.05.48 Nhar it-23.06.26 irċivejna numru ta’ punti fuq fondi disponibbli fid-Development Planning Fund - Kunsill Regjonali Punent.

63.05.49 Nhar it-24.06.26 irċivejna ir-rapport tal-iskart għax-xahar ta’ Mejju.

63.05.50 Nhar it-24.06.26 irċivejna Cir AKL 2026/050_ Request to circulate information to all staff working in local councils, korrispondenza mis-Sa Debono mill-Istudju tal-Malti ġewwla l-Universita’ ta’ Malta dwar kors tal-Masters fl-Istudju tal-Malti.

63.05.51 Nhar it-25.06.26 irċivejna il-minuti tal-laqgħat dwar it-tender il-ġdid tal-iskart li saru ta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli lokali.

63.05.52 Nhar is-26.06.26 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar it-taħriġ li ser issir nhar it-Tlieta 04.08.26 mid-Data Protection Officer.

63.05.53 Nhar it-30.06.2026 il-Maniġer tal-Ambjent għadda informazzjoni dwar statistika tat-TNR miġbura minn numru ta' Kunsilli Lokali lill-MSPCA.

63.05.54 Nhar it-30.06.2026 irċivejna mingħand is-Sa Grech mill-ERA illi il-market share tal-PRO's għas-sena 2026 inbidel u sar GreenPak 61% u GreenMT 39%.

63.05.55 Minn nhar l-01.07.2026 l-Uffiċjal Amministrattiv II A.V se tkun qed terġa teqleb full time għal tlett xhur.

**64.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

**64.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

64.06.01 Travel Report JMI Joint Committee Meeting - Weikersheim– Cultural Manager

**64.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**64.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.51**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 64.

**Rimarki**

- Il-President ressaq għall-approvazzjoni li jitħallsu Eur35,967.04 lill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli sabiex jkopru il-fattura kollha tal-automated toilets li saru faċċata tal-Kappella tal-Maddalena bħala parti mill-iskema SPI 10/2022 Public Toilets.

- Il-President ta' spjega tas-sitwazzjoni tal-iskart. Qal illi wara li ġibna direzzjoni mis-Segretarju Permanenti , għandna l-approvazzjoni sabiex jsir set-off tal-multi li ingħataw. Qal ukoll li l-pagamenti li kienu miżmuma tax-xahar li għadda ġew imħallsa imma jekk sa Settembru ma jkunx hemm ftehim u pjan ta' kif ser jitħallsu dawn il-multi, ser jkunu qed jinżammu l-pagamenti.

Proponent: s-Sindku ta' il-Viċi President u Sindku tal Qrendi is-Sur David M. Schembri
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.09 Approvazzjoni tal-Management Letter**

Il-President ippropona għall-approvazzjoni tal-Management letter li rċevejna wara li ingħalaq l-awditjar finanzjarju għas-sena 2025 u wara li ta' spjega dettaljata tal-osservazzjonijiet u tar-rispostli li ingħataw.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop Matthew Agius u Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.10 Approvazzjoni tal-Bord tal-għażla tal-logo tar-Reġjun tal-Kultura 2027**

Il-President ippropona biex jinħatar bord li ser jkun qed jevalwa is-sottomissjonijiet li rċevejna wara li saret sejħa pubblika sabiex jintgħażel il-logo tar-Reġjun tal-Kultura 2027. Il-President ippropona illi it-tali bord ikun magħmul mis-Sur KX, is-Sur CM u s-Sur BB.

Proponent: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.11 Aġġornament tal-ktejjeb tar-Reġjun**

Il-President ippropona illi jsir aġġornament tal-ktejjeb ta' informazzjoni dwar ir-Reġjun Punent peress illi ċerta informazzjoni li fih m'għadiex relevanti. Ippropona ukoll li ssir verżjoni mmirata għat-tfal sabiex titqassam fl-iskejjel kull sena; kif ukoll verżjoni oħra immirata għal kbar sabiex tintqassam waqt avvenimenti f'Malta u anke tintuża barra minn Malta sabiex jiżdied l-għarfien dwar ir-Reġjun Punent.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.12 Materji Oħra**

**64.12.01 Kollaborazzjoni mas-Silk Road Association**

Il-Viċi President informa lis-Segretarju Eżekuttiv li huwa involut permezz tal-lokalita' tal-Qrendi mas-Silk Road Association li hija organizzazzjoni internazzjonali b'konnessjoni maċ-Ċina. F' Malta hawn żewġ lokalitajiet fosthom il-Qrendi li huma parti minn din l-alleanza u għaldaqstant il-President ippropona illi ikun xieraq li r-Reġjun jassisti sabiex il-Viċi President ikun jista' jattendi għall-AGM li ser jsir ġewwa Istanbul fit-Turkija bejn it-30 t' Awwissu u l-5 ta' Settembru sabiex tissaħħaħ ir-relazzjoni u jitkattar ir-riklamar fuq it-turiżmu reliġjuz f'din l-allejanza.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 64.12.02 Smart City EXPO Barcelona

Il-President informa illi l-AKL ser tkun qed ittella' stand waqt l-Smart City Expo li ser issir ġewwa Barcelona bejn it-03-05.11.2026 u għalhekk ippropona li r-Reġjun Punent jtella' rappreżentanti sabiex jassistu f'dan.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 64.13 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **il-Ħamis 30 ta' Lulju 2026 fil-17.00**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum